# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 29 ta' Ottubru, 2021

**Rik. Nru. 839/2021 ISB**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.**, detentur tal-karta tal-identita` ta' Malta bin-numru "0258269" ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' **Biogen MA Inc.**, soċjeta' estera nkorporata taħt il-liġijiet tal-Istat ta' Massachusetts fl-Istati Uniti tal-Amerika u b'indirizz ta' 225 Binney Street, Cambridge, Massachusetts 02142, Stati Uniti tal-Amerika

vs

**L-Av. Christopher Chircop u l-PL Katarina Zammit Cuomo** li b'digriet tat-22 ta' Settembru 2021 nhatru bhala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil **TARGET HEALTHCARE LIMITED**, kumpannija estera nkorporata fir-Renju Unit b'ittri u numru ta' reġistrazzjoni "SC431859" u b'indirizz reġistrat ta' 8 *Redwood Crescent*, *East Kilbride*, *Glasgow* G74 5PA, Skozja fir-Renju Unit

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **l-Avukat Luigi Sansone** bhala Mandatarju Specjali ta' **Biogen MA Inc.,** soċjeta' estera nkorporata taħt il-liġijiet tal-Istat ta' Massachusetts fl-Istati Uniti tal-Amerika li permezz tieghu wara li ppremettet dak hemmek premess, talbet sabiex:

*(1) tordna, ai termini tal-art. 8.(1)(a) tal-Kap. 488 tal-Liġijiet ta' Malta, projbizzjoni - fuq bażi provviżorja - fuq il-kumpannija ntimata TARGET HEALTHCARE LIMITED milli tkompli kwalunkwe att ta' ksur allegat ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti fir-rigward tat-trademarks tal-UE tagħha bin-numri 014092803, 015324346, 003409018, 005718259, 003123544 u 004126744 rispettivament, kif ukoll tat-trademark tagħha irreġistrat f'Malta bin-numru 24389, konsistenti f'kwalunkwe użu* ***attwali*** *fil-kors ta' kummerċ min-naħa tal-istess kumpannija ntimata, ta' kull forma jew dehra tas-sinjali (n.b. sfond kulur vjola), , Biogen, biogen, , , AVONEX, Avonex, , TYSABRI u Tysabri relattiv għal oġġetti farmaċewtiċi li jiffurmaw parti mill-i stocks li dwarhom saru id-Direct Orders fid-19 ta' Marzu 2020 (i) għall-prodotti farmaċewtiċi AVONEX [Negotiated Procedure for the Supply of Beta Interferon 1A injections (Ammont tal-Kuntratt f'€ eskluża l-VAT: € 1,977,768.00)] kif ukoll (ii) għall-prodotti farmaċewtiċi TYSABRI [Negotiated Procedure for the Supply of Natalizumab infusion 300mg (Ammont tal-Kuntratt f'€ eskluża l-VAT: € 325,882.44)], f'kull każ b'referenza uffiċjali "CPSU EC 05/2020", skont kif ippubblikat fuq paġna numru 8779 tal-ħarġa numru 20,489 tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta datata 29 ta' Settembru 2020.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' dan ir-rikors, kontra l-kumpannija ntimata TARGET HEALTHCARE LIMITED.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors, inkluz mill-affidavits ta' Carl Olson, Kylie Bromley, Patrick Nicholl u Elisa Mckenna.

Rat in-nota tar-rikorrent noe tad-9 ta' Settembru 2021 u d-dokumenti hemmek annessi.

Rat id-Digriet tat-22 ta' Settembru 2021 ta' din il-Qorti diversament preseduta li permezz tieghugew nominati l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo sabiex jagixxu ta' kuraturi ghas-socjeta` estera Target Healthcare Limited.

Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Christopher Chricop waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2021.

Rat in-nota' ta' Dr Luigi Sansone noe ppresentata waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2021.

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-istess udjenza u rat il-verbal tal-istess minn fejn jirrizulta illi r-rikors thalla ghall-provvediment in camera.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 8(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Art. 8(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Kull persuna msemmija fl-artikolu 3 tista' permezz ta'rikors titlob lill-Qorti :*
>
> *(a) toħroġ kontra min ikun qiegħed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, digriet li jkun intiż biex jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali bħal dak, jew li jipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u, fejn ikun adatt, bla ħsara għal ħlas ta' penali li jista' jsir għal diversi drabi fejn ikun hemm provdut dwar dan skont il-liġi, milli jitkompla jseħħ kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tagħmel dik it-tkomplija soġġetta għal garanziji li jkunu intiżi biex jiżguraw li jingħata kumpens lid-detentur tad-dritt. Tista' wkoll tinħareġ projbizzjoni interlokutorja, taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra kull intermedjarju li jkollu s-servizzi tiegħu qegħdin jiġu użati minn terzi hekk li dawn ikunu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali;*
> *(b) jordna l-qbid jew il-kunsinna tal-oġġetti li jkunu suspettati li qegħdin jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali.*

Il-Qorti qieset u fliet sewwa dan il-provvediment tal-ligi li fuqu hija msejjsa t-talba odjerna.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors u kif ukoll tal-affidavits hawn fuq riferiti u d-dokumenti voluminuzi pprezentati, minn fejn

jirrizulta in succint illi s-socjeta` Biogen MA Inc hija socjeta` nkorporata fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u tifforma parti minn grupp akbar ta' kumpanniji Biogen Inc. Din hija kumpannija multinazzjonali ewlenija fil-kamp tal-farmacewtika u tirricerka, tizviluppa, timmanifattura u tiddistribwixxi b'mod kummercjali madwar id-dinja kollha medicinali ghal trattament ta' mard newrologiku u newrodegenerattiv. Fir-rigward tal-attivita' taghha, Biogen MA Inc hija proprjetarja ta' trademarks varji madwar id-dinja li jkopru dan in-negozju.

Fil-fatt, is-socjeta` rikorrenti ssostni, u in sostenn ta' dan esebiet d-dokumentazzjoni relattiva, illi :

(a) b'effett mill-20 ta' Mejju 2015, is-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja tat-trademark tal-Unjoni Ewropea (trademark tal-UE) BIOGEN, reġistrat bin-numru 014092803 inter alia fi klassi 5 tal-Klassifikazzjoni Nternazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taħt in-Nice Agreement (kif sussegwentement emendat), dwar Pharmaceutical preparations; Pharmaceutical preparations for the treatment of neurologic disorders and hemophilia.;

(b) b'effett mit-8 ta' April 2016, is-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja tat-trademark tal-UE Biogen, reġistrat bin-numru 015324346 inter alia fi klassi 5 tal-istess Klassifikazzjoni Nternazzjonali, dwar Pharmaceutical preparations for the treatment of neurologic disorders and haemophilia.;

(c) b'effett f'Malta sa mill-1 ta' Mejju 2004, is-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja tat-trademark tal-UE AVONEX, reġistrat bin-numru 003409018 inter alia fi klassi 5 tal-istess Klassifikazzjoni Nternazzjonali, dwar Pharmaceutical preparations and substances, except those relating to the orthopaedic field.;

(d) b'effett mill-14 ta' Frar 2007, is-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja tat-trademark tal-UE AVONEX, reġistrat bin-numru 005718259 inter alia fi klassi 5 tal-istess Klassifikazzjoni Nternazzjonali, dwar Pharmaceutical preparations for use in the treatment of neurological disorders, except for those relating to the orthopaedic field.;

(e) b'effett f'Malta sa mill-1 ta' Mejju 2004, is-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja tat-trademark tal-UE TYSABRI, reġistrat bin-numru 003123544 fi klassi 5 tal-istess Klassifikazzjoni Nternazzjonali, dwar Pharmaceutical preparations.; u

(f) b'effett mit-22 ta' Novembru 2004, is-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja tat-trademark tal-UE TYSABRI, reġistrat bin-numru 004126744 fi klassi 5 tal-istess Klassifikazzjoni Nternazzjonali, dwar Pharmaceutical preparations.

Jirrizulta ulterjorment illi fid-29 ta' Settembru 2020 tħabbar uffiċjalment fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, li entita' indikata bħala "Target Healthcare" ingħatat, min-naħa tal-Gvern ta' Malta tramite c-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), żewg ordnijiet f'kull każ indikati bħala "Direct Order" bir-referenza uffiċjali "CPSU EC 05/2020", bis-segwenti dettalji separati: fl-ewwel każ:

*Isem tad-Direct Order / Suġġett tad-Direct Order: Negotiated Procedure for the Supply of Natalizumab infusion 300mg;*
*Data tal-Għotja: 19/3/20;*
*Isem il-Kuntrattur: Target Healthcare;*
*Ammont tal-Kuntratt f'€ eskluża l-VAT: € 325,882.44;* u

U fit-tieni każ:

*Isem tad-Direct Order / Suġġett tad-Direct Order: Negotiated Procedure for the Supply of Beta Interferon 1A injections;*
*Data tal-Għotja: 19/3/20;*
*Isem il-Kuntrattur: Target Healthcare;*
*Ammont tal-Kuntratt f'€ eskluża l-VAT: € 1,977,768.00*;

Jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet l-indagni taghha u irrizultalha illi effettivament, prodotti farmaċewtiċi bi pakketti u fuljetti ta' tagħrif ta' ġo fihom, li bħala tali għandhom fuqhom / fihom is-sinjali Biogen (n.b. sfond

kulur vjola) u, jew u, jew Biogen u, jew biogen u, jew u, jew u, jew AVONEX u, jew Avonex, dehru f'Malta. Inoltre, prodotti farmaċewtiċi b'pakketti u fuljetti ta' tagħrif ta' ġo fihom, li bħala tali għandhom fuqhom / fihom is-sinjali u, jew Biogen u, jew biogen u, jew u, jew TYSABRI u, jew Tysabri, ukoll dehru f'Malta.

Irrizultalha ukoll illi tali oġġetti ma ġewx suppliti tramite l-kumpannija lokali Pharma.MT Limited (C 42603) li, bil-kunsens tas-soċjeta' rikorrenti, ordinarjament tissupplixxi f'Malta prodotti farmaċewtiċi manifatturati bil-kunsens tas-soċjeta' rikorrenti u awtorizzati għall-bejgħ fl-AEE fosthom prodotti AVONEX u TYSABRI, u li fil-fatt kellha f'kull żmien rilevanti u għad għandha *stocks* ta' tali prodotti fl-imħażen tagħha f'Malta.

Jirrizulta illi s-soċjeta' rikorrenti qatt ma tat il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tagħha dwar użu min-naħa ta' entita' bl-isem ta' "Target Healthcare" / "Target Healthcare Limited", fil-kors tal-operat tagħha hawn qabel indikat, ta' kwalunkwe forma jew dehra tas-sinjali (n.b. sfond kulur vjola), , Biogen, biogen, , , AVONEX, Avonex, , TYSABRI u Tysabri;

Jirrizulta lis-socjeta` rikorrenti ukoll illi fir-rigward tal-azzjonijiet tal-kumpannija ntimata, ma sar ebda skambju ta' korrispondenza b'xi forma ta' rikjesta għal kunsens tas-soċjeta' rikorrenti bejn, min-naħa 'l-waħda, entita' bl-isem ta' "Target Healthcare" / "Target Healthcare Limited" u, min-naħa 'l-oħra, is-soċjeta' rikorrenti, u f'dan il-kuntest is-soċjeta' rikorrenti ġiet a konoxxenza ta' dik intimata wara li eżaminat il-kontenut tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta hawn aktar qabel.

Illi mill-indagni kondotti mis-socjeta` rikorrenti irrizulta illi f'Malta hemm kumpannija reġistrata bl-isem ta' "TARGET HEALTHCARE LIMITED" (C 91229) u li l-kumpannija ntimata għandha l-istess struttura soċjetarja ta' dik Maltija in kwantu għal azzjonist u direttur (ċertu Lewis Campbell tar-Renju Unit).

Is-socjeta` rikorrenti ssostni illi jidher li fil-perjodu li wassal sad-data tad-*direct orders* in kwistjoni (Marzu 2020) u f'dik l-istess data, is-

*CPSU* kien qed jagħmel ordnijiet (inklużi d-*Direct Orders* hawn qabel speċifikati) mill-kumpannija ntimata *qua* kumpannija tar-Renju Unit. Tghid illi l-kumpannija ntimata *qua UK supplier*, hija effettivament inkorporata fir-Renju Unit u għandha bħala direttur uniku u azzjonist uniku tagħha 'l-hawn qabel imsemmi Lewis Campbell li, fil-11 ta' Ottubru 2019 kien ġie rappurtat bħala reċipjent (għan-nom ta' *East Kilbride-based pharmaceutical wholesaler Target Healthcare...*) ta' *seven-figure funding package from HSBC UK* li bih skont l-istess Campbell *the financial support is also enabling us to look further afield and expand our export work, offering specialist products from the UK to customers abroad.* (sottolinejar miżjud);
Is-socjeta` rikorrenti tghid illi fuq id-*database* taghha, dwar operaturi kummerċjali debitament awtorizzati sabiex joperaw f'Malta fi prodotti farmaċewtiċi AVONEX u TYSABRI appożitament manifatturati għas-suq tal-AEE, l-isem "Target Healthcare" / "Target Healthcare Limited" ġie mistħarreġ u ma nstabu ebda *records*.

Is-socjeta` rikorrenti ssostni illi mir-ritratti ta' kampjuni ta' pakketti tal-oġġetti mhux suppliti tramite l-kumpannija lokali Pharma.MT Limited b'fuqhom it-trademarks rilevanti reġistrati f'isem is-soċjeta' rikorrenti u f'ċirkustanzi fejn preżentement is-soċjeta' rikorrenti ma tistax teżamina l-kontenut farmakoloġiku tal-oġġetti stess, stante li dawn inbiegħu biss min-naħa tal-kumpannija ntimata lill-Gvern ta' Malta u jiġu suppliti ulterjorment mill-istess Gvern lill-operaturi fil-kamp tal-Kura tas-Saħħa bħal per eżempju l-operaturi ta' spiżeriji u minn dawn tal-aħħar lil pazjenti biss fuq riċetta medika peress li dawn huma *prescription drugs*, jirriżulta biċ-ċert li **hawnhekk si tratta ta' waħda minn zewġ sitwazzjonijiet kontravvenjenti tal-istess disposizzjonijiet ta' liġi, u ċjioe':**

**jew din il-materja tikkonċerna oġġetti ġenwini AVONEX u TYSABRI li, pero', huma manifatturati għad-distribuzzjoni kummerjċjali fl-Awstralja u mhux fl-AEE, bi pakketti u fuljetti ta' tagħrif ġewwa dawk l-istess pakketti li għandhom kontenut li ma huwiex konformi mal-liġijiet rilevanti tal-UE**;

**jew din il-materja tikkonċerna oġġetti falsifikati AVONEX u TYSABRI**, klonati minn *batch* jew *batches* ta' prodotti ġenwini AVONEX u TYSABRI

li, f'kull każ u kif deskritt fil-paragrafu anteċedenti, huma manifatturati għad-distribuzzjoni kummerjċjali fl-Awstralja u mhux fl-AEE, u huma b'hekk sprovvisti minn karatteristiċi u fattizzi ta' sigurta' għall-istess AEE;

Is-soċjeta' rikorrenti ssostni illi qed issofri preġudizzju għall-jeddijiet taghha fid-dawl ta' ksur min-naħa tal-kumpannija ntimata tal-jeddijiet tas-soċjeta' rikorrenti:

(a) dwar l-EU *trade marks* bin-numri 014092803, 015324346, 003409018 u 003123544, tal-Artikolu 9.2(a) tar-Regolament U.E. 2017/1001 fuq il-*European Union trade mark*, li jagħti lis-soċjeta' rikorrenti d-dritt ***.... to prevent all third parties not having his consent from using in the course of trade, in relation to goods ..., any sign where: the sign is identical with the EU trade mark and is used in relation to goods ... which are identical with those for which the EU trade mark is registered.***;

(b) dwar l-EU *trade marks* bin-numri 014092803, 015324346, 003409018, 005718259, 003123544 u 004126744, tal-Artikolu 9.2(b) tar-Regolament U.E. 2017/1001 fuq il-*European Union trade mark*, li jagħti lis-soċjeta' rikorrenti d-dritt ***... to prevent all third parties not having his consent from using in the course of trade, in relation to goods ..., any sign where: the sign is identical with, or similar to, the EU trade mark and is used in relation to goods ... which are identical with ... the goods ... for which the EU trade mark is registered, if there exists a likelihood of confusion on the part of the public; the likelihood of confusion includes the likelihood of association between the sign and the trade mark.***; u

(c) dwar l-EU *trade marks* bin-numri 014092803, 015324346, 003409018, 005718259, 003123544 u 004126744, tal-Artikolu 9.2(c) tar-Regolament U.E. 2017/1001 fuq il-*European Union trade mark*, li jagħti lis-soċjeta' rikorrenti d-dritt ***... to prevent all third parties not having his consent from using in the course of trade, in relation to goods ..., any sign where: the sign is identical with, or similar to, the EU trade mark ... in relation to goods ... which are identical ... to those for which the EU trade mark is registered, where the latter has a reputation in the Union and where use of that sign without due cause takes unfair***

***advantage of, or is detrimental to, ... the repute of the EU trade mark.***; **u**

u dwar it-trademark irreġistrat f'Malta bin-numru 24389, ai termini:

(a) tal-Artikolu 12(4)(a) tat-Att dwar it-*Trademarks* (Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta), li jagħti lis-soċjeta' rikorrenti d-dritt li tipprevjeni "**lil kull terza parti li ma jkollhiex il-kunsens [tagħha] milli tuża fil-kors tal-kummerċ, b'rabta ma' oġġetti ..., xi sinjal meta is-sinjal ikun identiku mat-trademark u jintuża b'rabta ma' oġġetti ... li jkunu identiċi ma' dawk li tkun ġiet reġistrata għalihom**";

(b) tal-Artikolu 12(4)(b) tat-Att dwar it-*Trademarks* (Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta), li jagħti lis-soċjeta' rikorrenti d-dritt li tipprevjeni "**lil kull terza parti li ma jkollhiex il-kunsens [tagħha] milli tuża fil-kors tal-kummerċ, b'rabta ma' oġġetti ..., xi sinjal meta s-sinjal ikun identiku, jew simili, mat-trademark u jintuża b'rabta ma' oġġetti … li jkunu identiċi … mal-oġġetti … li għalihom tkun ġiet reġistrata t-trademark: Iżda għandha teżisti l-probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku: Iżda wkoll il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark**"; u

(c) tal-Artikolu 12(4)(c) tat-Att dwar it-*Trademarks* (Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta), li jagħti lis-soċjeta' rikorrenti d-dritt li tipprevjeni "**lil kull terza parti li ma jkollhiex il-kunsens [tagħha] milli tuża fil-kors tal-kummerċ, b'rabta ma' oġġetti ..., xi sinjal meta s-sinjal ikun identiku jew simili għat-trademark … b'rabta ma' oġġetti … identiċi … ma' dawk li għalihom tkun ġiet reġistrata t-trademark, meta din tal-aħħar ikollha reputazzjoni f'Malta u meta l-użu ta' dak is-sinjal, mingħajr raġuni valida, ikun jikkostitwixxi vantaġġ inġust mit-trademark jew ikun detrimentali għax-xorta distintiva jew għar-reputazzjoni tagħha**";

Issostni illi **dwar użu fil-kummerċ min-naħa tal-kumpannija ntimata mingħajr il-kunsens tas-soċjeta' rikorrenti fir-rigward ta' prodotti ġenwini li għandhom sinjali identiċi għat-trademarks tal-UE rilevanti (erbgħa b'kollox kif hawn indikat) / għat-trademark reġistrat f'Malta tas-soċjeta' rikorrenti ndikati hawn aktar qabel u rreġistrati dwar l-**

**istess oġġetti** (‘l-hekk imsejħa sitwazzjoni ta’ *double identity*), f’ċirkustanzi fejn jidher ċar li tali prodotti waslu f’Malta (u b’daqstant fl-AEE) filwaqt li oriġinaw minn pajjiż terz (l-Awstralja), japplikaw rispettivament u skont il-każ l-Artikolu 9.2.(a) tar-Regolament U.E. 2017/1001 / l-Artikolu 12.(4)(a) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta’ Malta hawn ilkoll qabel ċitati. Ulterjorment, illi, a *contrario senso* ta’ dak ipprovdut fl-Artikoli 15.1 tal-istess Regolament U.E. 2017/1001 (*An EU trade mark shall not entitle the proprietor to prohibit its use in relation to goods which have been put on the market in the European Economic Area under that trade mark by the proprietor or with his consent.*) u 17.(1) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta’ Malta (“Trademark ma tagħti ebda dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu tagħha fir-rigward ta’ oġġetti li jkunu tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni taħt dik it-trademark mill-proprjetarju jew bil-kunsens tal-proprjetarju”), **f’dan il-każ si tratta appuntu ta’ *non-exhaustion of EU trade mark / Malta trademark rights* għar-raġuni li l-oġġetti tqiegħdu fuq is-suq tal-AEE mingħajr il-kunsens tas-soċjeta’ rikorrenti**.

Issostni ukoll illi **dwar użu fil-kummerċ min-naħa tal-kumpannija ntimata mingħajr il-kunsens tas-soċjeta’ rikorrenti fir-rigward ta’ prodotti falsifikati li għandhom fuqhom sinjali identiċi għat-trademarks tal-UE rilevanti (erbgħa b’kollox kif hawn indikat) tas-soċjeta’ rikorrenti / għat-*trademark* reġistrata f’Malta tas-soċjeta’ rikorrenti ndikati hawn aktar qabel u rreġistrati dwar l-istess oġġetti**, jiġu japplikaw ukoll skont il-każ, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9.2.(a) tar-Regolament U.E. 2017/1001 u tal-Artikolu 12.(4)(a) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta’ Malta, hawn qabel ċitati;

Ukoll illi **dwar użu fil-kummerċ min-naħa tal-kumpannija ntimata mingħajr il-kunsens tas-soċjeta’ rikorrenti fir-rigward ta’ sinjali identiċi jew simili għat-trademarks tal-UE (sitta b’kollox) / għat-trademark reġistrat f’Malta tas-soċjeta’ rikorrenti, ilkoll ndikati hawn aktar qabel u rreġistrati dwar l-istess oġġetti, hu ċar li teżisti l-probabbilta’ ta’ konfużjoni min-naħa tal-konsumatur rilevanti li jkun qed jassoċja s-sinjali kontravvenjenti ma’ dawk reġistrati li jeżistu leġittimament għas-suq lokali**, u kwindi japplikaw rispettivament u skont il-każ id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9.2.(b) tar-Regolament U.E. 2017/1001 / tal-Artikolu 12.(4)(b) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta’ Malta hawn qabel ċitati;

Ukoll illi **dwar vantaġġ inġust / detriment fir-rigward tat-trademarks tal-UE (sitta b'kollox) / tat-trademark reġistrat f'Malta tas-soċjeta' rikorrenti, ilkoll ndikati hawn aktar qabel,** u tenut kont tad-disposizzjonijiet rispettivi tal-Artikolu 9.2.(c) tar-Regolament U.E. 2017/1001 / tal-Artikolu 12.(4)(c) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta hawn qabel ċitati, jiġu rilevati s-segwenti:

**fl-ewwel lok, *free riding***: bl-azzjonijiet tagħha, il-kumpannija ntimata qed tisfrutta r-reputazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea (it-trademarks tal-UE) / madwar Malta (it-trademark ta' Malta) tal-markji reġistrati tas-soċjeta' rikorrenti hawn qabel speċifikati u debitament assoċjati mal-ogħla livelli fil-kamp tal-farmaċewtika, billi qed tirkeb b'xejn (*free riding*) minn fuq is-suċċess ta' dawn l-istess markji reġistrati u kwindi tibbenefika kummerċjalment mill-attrazzjoni, mir-reputazzjoni u mill-prestiġju tal-istess;

**fit-tieni lok, *tarnishment***: l-azzjonijiet u l-ommissjonijiet tal-kumpannija intimata, kif ukoll ċerti konsegwenzi ta' dawn il-fatturi, li jinkludu l-fatti li l-prodotti bil-markji tas-socjeta' rikorrenti hawn qabel speċifikati, anke li kieku ġenwini u allura mhux falsifikati:

(a) ma humiex muniti bid-debiti garanziji ta' sigurta' dwar l-użu ta' tali oġġetti fl-AEE (inkluż, per eżempju, assenza ta' *unique identifier – UID* – fuq il-pakketti);
(b) għandhom informazzjoni essenzjali nieqsa fil-fuljetti ta' tagħrif bħal dwar min huwa l-*Market Authorisation Holder* għall-UE, min għandu jiġi kuntattjat f'każ ta' effetti kollaterali, u aktar;
(c) [fil-każ ta' dawk il-prodotti indikati bħala "AVONEX"] qed jidhru fil-forma ta' siringa u mhux fil-forma ta' *pre-filled pen injection* bħalma għandu jkun dwar prodotti legittimi AVONEX għall-użu f'Malta;
(d) jistgħu kwindi jħeġġu konsumaturi rilevanti sabiex jaħsbu negattivament dwar il-prodotti tas-soċjeta' rikorrenti u għaldaqstant dwar is-soċjeta' rikorrenti stess,

qed iseħħu għad-detriment tar-reputazzjoni tal-istess markji reġistrati tas-soċjeta' rikorrenti hawn qabel speċifikat.

Is-socjeta` rikorrenti ssostni illi s-sitwazzjoni taggrava ruha meta jitqies illi hawnhekk si tratta ta' prodotti farmaċewtiċi għall-bniedem u għaldaqstant prodotti li huma ta' natura delikata ħafna għal kull min jippreskrivihom, għal kull min jamministrahom kif ukoll għal dawk il-pazjenti kollha li jiġu lilhom

somministrati tali prodotti. Illi ssosstni illi huwa kruċjali li ma jitħalliex li l-kumpannija ntimata tkun tista' tkompli tikkontravvjeni l-jeddijiet tas-soċjeta' rikorrenti matul il-kors ta' proċeduri ġudizzjarji li ġew reżi neċessarji. Jekk ma jsirx hekk, il-corporate image tas-soċjeta' rikorrenti f'Malta tkun destinata li ssofri b'mod assolutament inġust u rrimedjabbli. Dan huwa aktar u aktar gravi f'ċirkustanzi fejn dawn il-prodotti partikolari ħolqu u qed joħolqu riskji għall-Gvern ta' Malta, għal kull min ippreskrivihom, għal kull minn amministrahom u għal dawk il-pazjenti kollha li ġew lilhom somministrati / qed jiġu lilhom somministrati / jistgħu jiġu lilhom somministrati.

Is-socjeta` rikorrenti tghid illi illi dwar il-fatti hawn qabel indikati, is-soċjeta' rikorrenti nterpellat lill-kumpannija ntimata permezz ta' ittri nterpellatorji datati 12 ta' Jannar 2021 u 22 ta' April 2021 sabiex, *inter alia*, tieqaf u tiddeżisti mill-attivitajiet kontravvenjenti tagħha, iżda minkejja dan l-istess kumpannija ntimata baqgħet inadempjenti, u ghalhekk kellha. Ai termini tal-artikolu 8(1)(a) tal-Kap. 488 li jipprovdi li: ***Kull persuna msemmija fl-artikolu 3 tista' permezz ta' rikors titlob lill-Qorti – toħroġ kontra min ikun qiegħed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, digriet li jkun intiż biex*** *jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali bħal dak, jew li* ***jipprojbixxi, fuq bażi provviżorja*** *u, fejn ikun adatt, bla ħsara għal ħlas ta' penali li jista' jsir għal diversi drabi fejn ikun hemm provdut dwar dan skont il-liġi,* ***milli jitkompla jseħħ kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt****,... .* (enfasi miżjuda).

Il-Qorti fliet ukoll is-sub-incizi l-ohra tal-istess Artiklu 8 tal-KAP 488, u tiddikjara illi hija tinsab sodisfatta illi gew sodisfatti ir-rekwiziti necessarji mill-ligi biex hija tilqa' it-talba hawn maghmula. Hekk per ezempju illi bid-dokumenti annessi, il-Qorti hija ragjonevolment sodisfatta illi s-socjeta` rikorrenti hija d-detentur ta' drittijiet minnha pretizi[1].

Ulterjorment, minn dak mressaq mis-socjeta` rikorrenti, il-Qorti jidhrilha[2] illi kull dewmien f'settur tant delikat u mghaggel bhal ma huwa dan, jista' biss jikkaguna hsara lid-detentur tad-dritt li ma jissewwiex u huwa ghalhekk illi qed tghaddi biex tilqa' t-talba minkejja d-dikjarazzjoni tal-kuraturi fir-risposta taghhom fis-sens illi huma ghad ma ghandhomx konmoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz.

---

[1] Sub-inciz 3

[2] Sub-inciz 4

Dan kollu pero` qed jinghad u qed isir bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor illi kwalsiasi parti jista' ghandha ai termini ta' xi sub-inciz iehor tal-artiklu 8 tal-KAP 488, inoltre` kif gja verbalizzat fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2021.

Irid jinghad b'mod car u inekwivoku illi dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

(1) **tordna**, ai termini tal-artiklu 8(1)(a) tal-Kap. 488 tal-Liġijiet ta' Malta, projbizzjoni - fuq bażi provviżorja - fuq il-kumpannija ntimata TARGET HEALTHCARE LIMITED milli tkompli kwalunkwe att ta' ksur allegat ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti fir-rigward tat-trademarks tal-UE tagħha bin-numri 014092803, 015324346, 003409018, 005718259, 003123544 u 004126744 rispettivament, kif ukoll tat-trademark tagħha irreġistrat f'Malta bin-numru 24389, konsistenti f'kwalunkwe użu attwali fil-kors ta' kummerċ min-naħa tal-istess kumpannija ntimata, ta' kull forma jew dehra tas-sinjali Biogen (n.b. sfond kulur vjola), Biogen, Biogen, biogen, AVONEX, AVONEX, AVONEX, Avonex, TYSABRI, TYSABRI u Tysabri relattiv għal oġġetti farmaċewtiċi li jiffurmaw parti mill-istocks li dwarhom saru id-Direct Orders fid-19 ta' Marzu 2020 (i) għall-prodotti farmaċewtiċi AVONEX [Negotiated Procedure for the Supply of Beta Interferon 1A injections (Ammont tal-Kuntratt f'€ eskluża l-VAT: € 1,977,768.00)] kif ukoll (ii) għall-prodotti farmaċewtiċi TYSABRI [Negotiated Procedure for the Supply of Natalizumab infusion 300mg (Ammont tal-Kuntratt f'€ eskluża l-VAT: € 325,882.44)], f'kull każ b'referenza uffiċjali "CPSU EC 05/2020", skont kif ippubblikat fuq paġna numru 8779 tal-ħarġa numru 20,489 tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta datata 29 ta' Settembru 2020.

(2) **tordna** n-notifika tal-atti, allura ir-rikors promotur u l-provvediment odjern lis-socjeta` intimata "*minghajr ebda dewmien wara l-ezekuzzjoni tal-mizuri*" hawn fuq msemmija, ai termini tal-Artiklu 8(4) tal-KAP 488.

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri li jkunu a karigu tas-socjeta` intimata, eskluz id-drittijiet tal-kuraturi deputati li huma a karigu tas-socjeta` r-rikorrent noe.

Digriet Kamerali moghti llum 29 ta' Ottubru 2021.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
Imhallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur